



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 130/23

Il-Lussemburgu, 5 ta' Settembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-137/21 | Il-Parlament vs Il-Kummissjoni (Eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti)

Il-Kummissjoni ma kinitx obligata tissospendi l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti minħabba nuqqas ta' reċiproċità f'dan il-qasam

Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni politika sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità ta' tali sospensjoni meta pajjiż terz jissuġġetta liċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew iktar għal obbligu ta' viża

Id-dritt tal-Unjoni huwa intiż li jiżgura reċiproċità sħiħa fil-qasam tal-viżi. Għalhekk, bħala prinċipju, huma biss l-Istati terzi li jipprovdu eżenzjoni mill-obbligu ta' viża liċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni li jistgħu jibbenefikaw minn tali eżenzjoni għaċ-ċittadini tagħhom stess. Madankollu, meta Stat terz li jibbenefika minn tali eżenzjoni jiddeċiedi f'mument partikolari li jissottometti liċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew iktar għal obbligu ta' viża, il-Kummissjoni jkollha marġni ta' evalwazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk is-sospensjoni ta' din l-eżenzjoni hijiex iġġustifikata. Għaldaqstant, hija ma hijiex awtomatikament obligata tissospendi l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istat terz ikkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad għalhekk rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni ppreżentat mill-Parlament Ewropew kontra l-Kummissjoni. Il-Parlament xtaq li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni kellha tissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għal żmien qasir għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti peress li dan il-pajjiż kien jimponi obbligu ta' viża fuq iċ-ċittadini Bulgari, Kroati, Ċiprijotti u Rumeni.

Il-kwistjoni dwar jekk iċ-ċittadini ta' pajjiż terz partikolari jeħtiġux viża sabiex jaqsmu l-fruntieri esterni ta' Stat Membru hija rregolata b'mod uniformi fil-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, adotta regolament¹ li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li iċ-ċittadini tagħhom jeħtieġu viża u lista ta' dawk li iċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minnha.

Fil-każ fejn Stat terz li iċ-ċittadini tiegħu huma eżentati mill-obbligu ta' viża jiddeċiedi li jissuġġetta għal tali obbligu iċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew iktar, ir-Regolament jipprevedi "mekkaniżmu ta' reċiproċità", strutturat f'diversi stadji, li jippermetti reazzjoni *in solidum* fil-livell tal-Unjoni. Uħud minn dawn ir-reazzjonijiet huma ddelegati lill-Kummissjoni, bħas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża.

Iċ-ċittadini tal-Istati Uniti jibbenefikaw minn tali eżenzjoni. Madankollu, peress li dan il-pajjiż terz issuġġetta liċ-ċittadini Bulgari, Kroati, Ċiprijotti u Rumeni għall-obbligu ta' viża, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni, f'Ottubru 2020, wara li ppreżenta talba simili fl-2017, sabiex tissospendi temporanjament din l-eżenzjoni. Il-Parlament qies li, skont ir-Regolament, il-Kummissjoni kienet obligata li tagħmel dan. Il-Kummissjoni qieset li f'dan l-istadju ma kienx xieraq li tissospendi l-eżenzjoni kontenzjuża, b'mod partikolari minħabba l-konsegwenzi politiki u ekonomiċi negattivi li tali sospensjoni jista' jkollha fuq l-Unjoni. Dan wassal lill-Parlament sabiex jippreżenta rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni kontra l-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

¹ Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li iċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li iċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU 2018, L 303, p. 39).

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tiċċad ir-rikors tal-Parlament.

Fil-fatt, skont ir-Regolament, **il-Kummissjoni ma hijiex awtomatikament obligata tissospendi l-eżenzjoni, iżda għandha marġni ta' evalwazzjoni politika fuq dan il-livell.** F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni tliet kriterji:

1. l-effetti tal-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat sabiex tiġi żgurata l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża mal-pajjiż terz ikkonċernat;
2. il-passi meħuda minnha stess, mal-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni b'mod partikolari fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u kummerċjali, bil-għan li terġa' tiġi stabbilita jew introdotta l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri,
3. il-konsegwenzi tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dawn it-tliet kriterji qabel ma waslet għall-konklużjoni li ma tissospendix l-eżenzjoni mill-obbligu tal-viża kontenzjuża. Il-Kummissjoni kienet qieset b'mod partikolari, fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-Istati Uniti, li s-sospensjoni jista' jkollha impatti negattivi sinjifikattivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika u ta' setturi.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma marritx lil hinn mill-marġni ta' evalwazzjoni tagħha meta qieset li hija ma kinitx obligata tissospendi l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti, b'tali mod li ebda nuqqas li tittieħed azzjoni ma jista' jiġi attribwit lilha.

NOTA: Ir-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni jippermetti l-verifika tal-legalità tan-nuqqas li tittieħed azzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-rikors jista' jiġi ppreżentat biss wara li l-istituzzjoni kkonċernata tkun ġiet mistiedna taġixxi. Ladarba tiġi kkonstatata l-illegalità tan-nuqqas li tittieħed azzjoni, hija l-istituzzjoni kkonċernata li għandha ttemm dan in-nuqqas li tittieħed azzjoni permezz ta' miżuri xierqa.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt tas-sentenza](#) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

